# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 24 ta' Settembru 2001**

**Avviz. numru 517/01**

**Numru 37**

**Fair & Exhibition Limited**

**vs**

**Arcidiacono MFG. Co. Ltd.**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' sitt mija hamsa u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm695.50) bilanc fuq somma akbar rappresentanti l-hlas ghas-servizz moghti mis-socjeta' attrici fuq ordni taghhom stess u dana skond ma jidher mill-invoice u mis-"Sales Legder Report" anness u mmarkati bhala Dok A u B.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tad-9 ta' Marzu 2001 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness Dok A u Dok B a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fil-11 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm695.50,0 bl-imghax legali mit-28 ta' Mejju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tad-9 ta' Marzu 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg